MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 285/2010

**Carlo *sive* Carlos Agius**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta’ Marzu 2010 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-esponenti Carlo Agius, magħruf bħala Carlos Agius, twieled nhar it-8 ta’ Jannar, 1971 kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta’ iskrizzjoni elf tlett mija u tnejn mis-sena elf disa’ mija u wieħed u sebgħin (1302/1971), illi kopja tiegħu qed tiġi annessa bħala Dok. CA 1.

2. Illi bi żvista, isem l-esponenti ġie mniżżel fil-kolonna *"Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* fl-imsemmi Att tat-Twelid bħala Carlo, meta l-isem li riedu jagħtuh il-ġenituri kien "Carlos".

3. Illi fil-fatt l-esponenti minn dejjem kien imsejjaħ u magħruf bħala "Carlos" mhux "Carlo" u fil-ħajja tiegħu ta' kuljum l-esponenti dejjem uża u għadu juża l-isem Carlos.

4. Illi dawn huma saħansitra riflessi f'numru ta' dokumenti uffiċjali fosthom l-liċenzja tas-sewqan (kopja annessa Dok. CA 2), iċ-ċertifikat tal-Magħmudija tal-Parroċċa (kopja annessa Dok. CA 3) u saħansitra fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' iben l-esponenti Ayrton Agius (Dok. CA 4) fejn fil-kolonna li tikkontjeni l-isem tal-missier, l-esponenti huwa ndikat bħala "Carlos".

5. Illi tali inkonsistenza tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti, li għandu interess skond il-liġi *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 illi ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu kif ukoll fl-atti l-oħra kollha tal-ħajja ċivili tal-esponenti senjatament l-Att taż-Żwieġ (numru 962/1994 kopja annessa Dok. CA 5, u l-Att tat-Twelid ta' iben l-esponenti Noah Agius, att numru 4107/2000 kopja annessa bħala Dok. CA 6).

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-esponenti Carlo Agius ilu sa minn twelidu magħruf konsistentement bħala Carlos Agius;

2. Konsegwentement tordna illi fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni elf tlett mija u tnejn mis-sena elf disa' mija u wieħed u sebgħin (1302/1971) isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna *"Isem jew ismijiet li bih/ bihom it-tarbija għandha tġgi msejħa"* l-isem Carlo jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem "Carlos".

3. Tordna illi, *ai termini* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap. 16, dan it-tibdil jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-esponenti u wliedu, u senjatament l-Att taż-Żwieġ numru 962 tas-sena 1994 u l-Att tat-Twelid numru 4107 tas-sena 2000.

Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fit-23 ta' April 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li kien hemm bdil ta' isem kif hekk jeżiġi l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jrid iressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew jippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu ossia li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Carlos u mhux Carlo;

4. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Joseph Agius, li kien għamel id-

dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* (**Dok DRP 1**) u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju 2010 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata biss fis-sens li peress li l-attur tista' tgħid minn dejjem kien magħruf bl-isem Carlos u kwindi hemm lok li maċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu jiġi debitament korrett. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball għaliex kien missier l-attur stess li għamel id-dikjarazzjoni relattiva u għalhekk u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi billi fejn huwa ndikat ismu jitniżżel Carlos minflok Carlo fl-atti indikati minnu fir-rikors promotur; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------